

10.1.2024

A9-0357/3

Emenda 3

Ska Keller

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

Gabriel Mato

L-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-prospettivi futuri
(2021/2169(INI))

A9-0357/2023

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

16. Ifakkar li l-PKS għandha, fost affarijiet oħra “tfittex li tiżgura li l-isfruttament ta’ riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirripristina l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u jżommhom ’il fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli” u li r-“rata ta’ sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli għandha (...) tintlaħaq (...) sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha” u sal-2025 għall-istokkijiet koperti mill-pjan ta’ ġestjoni għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Mediterran tal-Punent; ***jenfasizza, madankollu, li għas-sajd multispeċifiku, huwa impossibbli li tiġi applikata l-ġestjoni tal-ispeċijiet ibbażata fuq il-mudell MSY, anke f’sajd xjentifikament magħruf u dokumentat sew;***

Emenda

16. Ifakkar li l-PKS għandha, fost affarijiet oħra “tfittex li tiżgura li l-isfruttament ta’ riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirripristina l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u jżommhom ’il fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli” u li r-“rata ta’ sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli għandha (...) tintlaħaq (...) sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha” u sal-2025 għall-istokkijiet koperti mill-pjan ta’ ġestjoni għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Mediterran tal-Punent;

Or. en

10.1.2024

A9-0357/4

Emenda 4

Ska Keller

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

Gabriel Mato

L-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-prospettivi futuri (2021/2169(INI))

A9-0357/2023

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

23. Itenni l-fehmiet espressi fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2021 dwar l-obbligu ta' ħatt l-art; ifakkar li xi qabdiet mhux mixtieqa jew aċċessorji huma inevitabbli, speċjalment fis-sajd imħallat, **billi l-ħut jista' jkun danneġġjat, ma jkunx tajjeb għall-bejgħ, ikun taħt id-daqs jew adatt għall-konsum mill-bniedem iżda l-bejgħ tiegħu jkun ipprojbit, eċċ.**; ifakkar ukoll li, **minkejja l-isforzi u l-kollaborazzjoni li għaddejja min-naħa tal-partijiet ikkonċernati kollha, l-obbligu ta' ħatt l-art ma jistax jiġi implimentat b'mod korrett jekk ma jissewwewx ċerti nuqqasijiet, bħan-nuqqas ta' kapaċità ta' ħżin abbord jew fil-faċilitajiet ta' ġbir fil-portijiet kif ukoll użu adegwat tal-eżenzjonijiet; jindika li dawn in-nuqqasijiet ixekklu l-implimentazzjoni korretta, u dan jirriżulta fi ġbir ta' data insuffiċjenti f'dawk li huma stokkijiet u jagħmilha diffiċli li jsiru stimi eżatti tal-qabdiet, b'hekk dan jostakola l-istimi xjentifiċi affidabbli tal-istokkijiet tal-ħut;**

Emenda

23. Itenni l-fehmiet espressi fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2021 dwar l-obbligu ta' ħatt l-art; ifakkar li xi qabdiet mhux mixtieqa jew aċċessorji huma inevitabbli, speċjalment fis-sajd imħallat; **jenfasizza l-fatt li nuqqas ta' implimentazzjoni** jirriżulta fi ġbir ta' data insuffiċjenti **dwar** stokkijiet u jagħmilha diffiċli li jsiru stimi eżatti tal-qabdiet, b'hekk dan jostakola l-istimi xjentifiċi affidabbli tal-istokkijiet tal-ħut;

Or. en

10.1.2024

A9-0357/5

Emenda 5

Ska Keller

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

Gabriel Mato

L-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-prospettivi futuri (2021/2169(INI))

A9-0357/2023

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jikkunsidraw jiffissaw TACs għal perjodu itwal minn sena jew semestru, b'mod partikolari għall-istokkijiet ewlenin fil-mira, dejjem abbażi tal-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, bil-għan li jipprevedu aktar prevedibbiltà u ċertezza fit-tul għas-sajjieda u bi qbil mal-prinċipju MSY; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ifittxu l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli rigward il-possibbiltà li jitneħħew it-TACs għal ċerti stokkijiet, filwaqt li jiżguraw li l-istokk ikkonċernat jibqa', fit-terminu qasir u medju, fil-limiti bijoloġiċi sikuri;***

Emenda

31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jikkunsidraw jiffissaw TACs għal perjodu itwal minn sena jew semestru, b'mod partikolari għall-istokkijiet ewlenin fil-mira, dejjem abbażi tal-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, bil-għan li jipprevedu aktar prevedibbiltà u ċertezza fit-tul għas-sajjieda u bi qbil mal-prinċipju MSY;

Or. en

10.1.2024

A9-0357/6

Emenda 6

Ska Keller

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

Gabriel Mato

L-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-prospettivi futuri (2021/2169(INI))

A9-0357/2023

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

36. ***Jinsisti fuq il-fatt li, fid-dawl tal-possibbiltajiet offruti bħalissa mill-FEMSA bħala*** sostenn għas-saħħa, għas-sikurezza, għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u għall-effiċjenza enerġetika abbord il-laneċ tas-sajd, ***l-użu attwali tat-tunnellaġġ gross bħala kriterju għall-kejl tal-kapaċità ta' sajd fl-UE jaf jostakola t-titjib tal-effiċjenza enerġetika, tas-sikurezza u tal-kumdità tal-opri tal-baħar, inkwantu jillimita l-possibbiltajiet li jiġu sostitwiti u modernizzati jew li jiżdied l-ispazju, anki jekk ma tiżdiedx il-kapaċità ta' sajd tal-opri tal-baħar; jisħaq fuq il-fatt li dan, min-naħa tiegħu, ixekkel it-titjib tal-karatteristiċi*** msemmin qabel, li fl-aħħar mill-aħħar ***jafu*** jippromwovu l-impjiegi, l-iżvilupp tal-komunitajiet kostali u l-attraenza tas-settur, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh u għan-nisa;

36. ***Iqis il-possibbiltajiet attwali tal-FEMSA biex joffri*** sostenn għas-saħħa, għas-sikurezza, għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u għall-effiċjenza enerġetika abbord il-laneċ tas-sajd ***biex jittejbu l-karatteristiċi*** msemmin qabel, li fl-aħħar mill-aħħar jippromwovu l-impjiegi, l-iżvilupp tal-komunitajiet kostali u l-attraenza tas-settur, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh u għan-nisa;

Or. en

10.1.2024

A9-0357/7

Emenda 7

Ska Keller

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

Gabriel Mato

L-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-prospettivi futuri
(2021/2169(INI))

A9-0357/2023

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

42. Jitlob ukoll li tiġi żviluppata assistenza għat-tranżizzjoni ekonomika biex tiġi avvanzata d-dekarbonizzazzjoni, li tkopri s-segmenti kollha tal-flotta; ***jinsisti, peress li l-flotta hija antika ħafna, li tali assistenza għandha tintuża wkoll biex tissostitwixxi l-opri tal-baħar eżistenti b'opri*** tal-baħar aktar effiċjenti, sikuri, teknoloġikament innovattivi u spazjużi li jikkontribwixxu biex is-settur isir aktar attraenti u biex jiġi promoss it-tiġdid ġenerazzjonali;

Emenda

42. Jitlob ukoll li tiġi żviluppata assistenza għat-tranżizzjoni ekonomika biex tiġi avvanzata d-dekarbonizzazzjoni, li tkopri s-segmenti kollha tal-flotta, ***u din tirriżulta f'opri*** tal-baħar aktar effiċjenti, sikuri, teknoloġikament innovattivi u spazjużi li jikkontribwixxu biex is-settur isir aktar attraenti u biex jiġi promoss it-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. en